# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa b'urġenza Numru 17

15 ta' Settembru, 2020

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.37 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

**Aġenda Nru. 6**

17.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
17.2 Għeluq ta' parti minn Pjazza Santa Margerita (Covid-19)

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresida l-laqgħa li bdiet fis-1.37 p.m. b'talba.

## 17.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

17.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri tal-Kunsill li l-Kunsillier Steven Gauci ma setgħax ikun magħna preżenti peress li qed xogħol Malta, pero hu talab biex jekk hu possibli u jaqbel l-Kunsill, jinaqgħad magħna għal din il-laqgħa b'mod virtwali permezz tal-Microsoft Teams®. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 17.2 Għeluq ta' parti minn Pjazza Santa Margerita (Covid-19)

17.2.1 Is-Sindku qal lill-Kunsill li kellha tissejjaħ din il-laqgħa b'urġenza peress li l-Kunsill irċieva imejl miktuba mill-President ta' Sannat Lions F.C. f'isem l-istabilimenti tal-ikel u x-xorb li hemm f'parti minn Pjazza Santa Margerita fejn dan talab li din il-parti tal-pjazza iħoss li f'dan iż-żmien tal-pandemija għal dan ix-xaħar ta' Settembru 2020 nhar ta' Sibt u Ħadd għandha tingħalaq biex is-servizz jingħata fuq barra.

17.2.2 Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sur Teddy Bajada – President ta' Sannat Lions F.C.

17.2.3 Is-Sindku qal f'dan iż-żmien tal-Covid-19 l-attivita' kummerċjali naqset u hu jħoss li wieħed għandu jgħin kemm jista, b'sigurta li jrid ikun hemm dejjem. B'hekk ukoll il-Kunsill ikun qed jesperimenta lil din il-pjazza biex tqum aktar fuq tagħha aktar u aktar meta għal din il-pjazza fiż-żmien qarib hemm il-proġett maħsub ta' riġenerazzjoni tagħha. Hu qal ukoll li meta jibda jiġi mplimentat dan il-proġett wieħed għandu jara kif dawn l-istabilimenti ma jitilfu xejn u jkomplu għaddejin bil-ħidma tagħhom. Is-Sindku ssuġġerixxa li jekk hu possibli jkun hemm entertainment ridott għaddej biex ikompli jgħin u joħloq attmosfera isbaħ. Il-Kunsill qabel ma dan.

17.2.4 Wara li ġie spjeġat dan kollu l-Kunsill qabel ukoll li parti minn Pjazza Santa Margerita n-naħa ta' dawn l-istabilmenti u Triq Dun Xand Aquilina, nhar ta' Sibt u nhar ta' Ħadd 19,20, 26 u 27 ta' Settembru 2020 u nhar is-Sibt 3 u l-Ħadd 4 ta' Ottubru 2020 bejn is-7.30 p.m. u l-11.30 p.m. dawn jiġu magħluqa għat-traffiku.

17.2.5 Il-laqgħa spiċċat fis-1.58 p.m.

Konfermati, illum 28 ta' Ottubru 2020

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(Iffirmata)** |
| Philip Vella | Jason Curmi |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |